# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar it-Tlieta 20 ta' Ottubru, 2015

**Talba Nru:** 654/15 DMA

**Joseph Vella (ID. 179355M) u**
**Carole Vela (ID. 37257M)**

**Vs**

**Alexander Zammit**
**(ID. 343584M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-17 ta' Awissu, 2015 fejn l-atturi talbu, illi l-esponenti ezegwixxa xogholijiet ta' dawl u ilma fil-fondi tal-intimat gewwa l-Gzira u l-Mosta, ghal-liema xogholijiet huwa ghadu ma thallasx u ghalhekk l-intimat huwa debitur tal-esponenti ghas-somma ta' elfejn, mija sitta u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€2,166.98) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Ottubru, 2014.

Illi dan id-dejn jirrapprezenta in kwantu ghas-somma ta' elf seba' mija u sebghin ewro (€1,770) inkluz il-VAT ghall-xogholijiet li saru fil-fond gewwa l-Mosta, filwaqt li s-somma rimanenti ta' tlett mija sitta u disghin ewro u tmienja u disghin centezmu

(€396.98) tirrapprezenta il-hlas dovut ghax-xogholijiet maghmulha fil-fond tal-Gzira inkluz il-VAT u l-ispejjez ghax-xiri tal-materjal.

Ghaldaqstant l-esponenti qieghed jitlob lill-dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiddikjara illi l-intimat huwa debitur tal-esponenti ghas-somma ta' elfejn, mija sitta u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€2,166.98) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Ottubru, 2014 u sabiex jordna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti is-somma ta' elfejn, mija sitta u sittin ewro u tmienja u disghin centezmu (€2,166.98) oltre l-imghax legali mill-1 ta' Ottubru, 2014.

Bl-ispejjez kontra l-intimat, bl-ingunzjoni tal-intimat in subizzjoni.

Il-partijiet ipprezentaw skrittura bejnithom fejn qablu fuq l-ammont li ghandu jithallas.

L-attur prezenta nota ta’ riduzzjoni fejn l-ammont gie ridott ghal elf u disa’ mitt ewro (€1,900).

It-Tribunal fid-dawl ta’ dan jilqa’ it-talba attrici limitament fl-ammont ta’ elf u disa’ mitt ewro (€1,900) u jinkludi l-iskrittura f’din is-sentenza bhala terminu biex isir il-hlas.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**